SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 37/KA1/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 28/01/'14** **37**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 28/01/'14** **47**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2014

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon
Is-Sindku Peter Bonello

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati:- (0)

1.05 Assenti: Il-Membru Micheal La Rosa

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Jannar 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013
4. Aġġornament - Co-option ta' Membru
5. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 36/KA1/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 36/KA1/13.

1.3.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P725,KA0226, P728, P729 KA0231 | Korrispondenza rigward *Taxi Stand* ġdida fi Triq San Ġorġ. |
| P735, P737 & P736 | Korrispondenza rigward talba għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet ġo Paceville. |
| P13 & P21 | Korrispondenza rigward tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet għad-Dolce Sicilia, Triq id-Dragunara, Paceville. |
| P30 | Email mingħand il-Ministeru għat-Turizmu rigward żoni tat-turiżmu. |
| P23 & P27 | Ritratt tal-bankina fi Triq id-Dragunara. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P725, KA0226, P728, P729, KA0231

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward *Taxi Stand* fi Triq San Ġorġ. Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ġie nfurmat li Transport Malta ġiet notifikata li ma jaqbilx ma' din il-proposta.

Rif. Nru. P13 & P21

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward it-talba għall-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet għad-Dolce Sicilia, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni diment li qabel ikollu l-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kollha, u li l-bankina tibqa' aċċessibbli l-ħin kollu għall-pubbliku, inkluż għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Ġie deċiż unanimament li din id-deċiżjoni tapplika għal kull talba li ssir għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet.

Rif. Nru. P23 & P27

2.04 Saret riferenza għar-ritratt tal-bankina fi Triq id-Dragunara (Ara Appendiċi 'A'). Ġie deċiż unanimament li l-membri tal-Kumitat Amministrattiv jgħaddu l-informazzjoni ta' min hi l-binja, jekk ikun possibbli. Dan sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill peress li mir-rittratt jidher li l-ħsara fil-bankina ġejja minħabba pajpijiet tad-drain li ħerġin mill-binja u li għaddejja minn fuq il-bankina.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013**

3.01 Il-Kumitat Amministrattiv ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013 (Ara Appendiċi 'B').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju.

3.04 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4.** **Aġġornament - *Co-option* ta' Membru**

4.01 Iċ-Ċermen reġa' nforma lill-Kumitat li għadu ma sab lil ħadd li hu nteressat.

**5** **Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Ma kienx hemm komunikazzjonijiet.

**6** **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7** **Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 269 sa nru. 282 (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Membru Joe Oliva ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 269 sa 282.

7.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

7.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.05 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2014 fl-10.00a.m.

7.06 Il-laqgħa ntemmet fil-11.00a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**